**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Id-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5/26

15 ta' Mejju, 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (2)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

**ASSENTI:** NIL

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**5.26.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

5.26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Il-laqgħa bdiet fl-4:06pm

**5.26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

5.26.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 4.26 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.
Il-Kunsillier Vincent Bongailas ippropona u l-Kunsilliera Maria Sultana issekondat l-minuti ta' seduta 4.26 Il-minuti ġew approvati unanimament.
Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**5.26.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Festival 'Minn Pjazza għal Pjazza 2026'**

5.26.3.1 Is-Sindku informa li fl-20 ta' April, ġew imħabbra l-lokalitajiet li ser jospitaw il-festival 'Minn Pjazza għal Pjazza 2026'. Il-Kalkara għal din is-sena ma ġietx magħżula fost dawn il-lokalitajiet. Kif kien spjega fis-seduta ta' Marzu, għall-applikazzjoni ta' din is-sena l-kunsill beda bi żvantaġġ minħabba l-fatt li l-ewwel preferenza kienet ser tingħata lil dawk il-lokalitajiet li ma sarx il-festival is-sena li għaddiet fil-lokalita tagħhom. F'dan ir-rigward, is-Sindku ippropona sabiex il-Kunsill Lokali tagħna xorta waħda jżomm l-idea tal-attività 'Għalik, it-tieni jien' u tkun mtellà bħala attività fil-programm tas-sena kulturali tar-Reġjun Port 'Regional Mosaic'. Dwar din il-proposta, kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera.

5.26.3.2 **Applikazzjoni Referenza: LC1/2026/0042**

Kif kien il-qbil fl-aħħar seduta, il-Kunsill daħħal l-applikazzjoni tiegħu quddiem l-awtorità tal-artijiet fi 22 ta' April sabiex naraw taħt min jaqa' iċ-ċimiterju ta' Wied Għammieq. L-applikazzjoni għandha dan numru ta' referenza: LC1/2026/0042. Is-Sur Aquilina informa li s'issa, għadna bla risposta fuq dan ir-rigward.

**Laqgħa pubblika mar-residenti u l-iżviluppatur**

5.26.3.3 Kif kien maqbul fis-seduta preċedenti, saret il-laqgħa pubblika mar-residenti u mal-iżviluppatur fis-27 ta' April rigward il-proġett tal-Wied tal-Kalkara. F'din il-laqgħa, l-Perit tal-proġett ta' spjegazzjoni dettaljata u r-residenti resqu t-tħassib tagħhom fuq dan l-iżvilupp.

**Laqgħa ta' April – Kunsill Reġjonali Port**

5.26.3.4 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li fid-29 ta' April attenda għas-seduta ta' April tal-Kunsill Reġjonali Port. F'din is-seduta irreferew għal laqgħa li kellha ssir mal-avukat tal-kuntrattur tal-iskart, liema laqgħa ma saritx kif kien miftiehem peress li l-avukat u l-kuntrattur tal-iskart ma attendewx.

5.26.3.5 Apparti minn hekk, iddiskutew kif il-€195,000 li bħala Kunsill Reġjonali Port kienu taw lil Fondazzjoni Kottonera għall-Belt Kulturali Ewropea 2031 ingħataw lura. Fis-seduta, is-Sur Aquilina issuġġerixxa li dawn il-fondi jitqassmu mal-kunsill lokali fi ħdan ir-reġjun għall-proġett jew inizjattiva li jħallu legat għar-reġjun. Is-Sindku qal li kien hemm qbil unanimu dwar dan. Dwar l-inizjattiva 'Arts in Common', bħala parti mill-kalendarju tal-kultura 2026, is-Sur Aquilina informa lir-reġjun li l-artist li kien assenjat li ħa jagħmel xogħol artistiku għall-Kalkara, m'għadux interessat u għal daqstant qed jaraw isibux artist ieħor.

**'The Playboat: Voyage to imagination'**

5.26.3.6 Is-Sindku informa li fi 30 ta' April, ġiet inawgurata 'The Playboat: Voyage to imagination' fi Ġnien is-Salvatur,. Din kienet inizjattiva tal-Għaqda Volontarja ' Generation (Change?) ' li magħhom iffirmajna Memorandum of Understanding (MOU) dwar iż-żamma ta' din id-dgħajsa.

**Żjara fiċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq**

5.26.3.7 Is-Sur Aquilina qal li wara li fl-14 t'April 2026 kien għamel żjara saċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq ma' rappreżentanti tad-direttorat għas-saħħa ambjentali, fejn raw b'għajnejhom il-qagħda mwera li jinsab fih dan iċ-ċimiterju. Illum ħaddiema tal-istess direttorat bdew jaqtgħu xi ħaxix ħażin u goff, filwaqt li talbuna sabiex minn-naħa tal-Kunsill Lokali nibdew inbattlu l-bins. Talba li aċċettajna. Sadanittant, fit-8 ta' Mejju, kif diġa' tenn ftit 'il fuq, il-kunsill daħħal applikazzjoni quddiem l-awtorità tal-artijiet dwar dan l-istess ċimiterju.

**Jum il-Belt Senglea**

5.26.3.8 B'turija ta' rispett bejn it-tmexxija tal-lokalitajiet tal-Kottonera, għal sena oħra, is-Sindku s-Sur Wayne Aquilina attenda għal Jum il-Belt Senglea fi 8 ta' Mejju. F'isem il-Kunsill Lokali u l-poplu Kalkariż, huwa ppreżenta bukkett tal-fjuri.

**Laqgħa mal-Malta Wheelchair Basketball Association**

5.26.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kif kien diġà nfurmhom fil-laqgħa preċedenti fl-24 ta' Marzu 2026 kellu diskussjoni mal-Malta Wheelchair Basketball Association, rigward 'reach-out' li jixtiequ jagħmlu f'Misraħ Arċisqof Gonzi u li kienet skedata għall-Ħadd 24 ta' Mejju, is-Sindku ġie mgħarraf li l-attività se tiġi posposta għat-12 ta' Mejju minħabba l-elezzjoni.

**Skema SPI/SCI/01/2026 – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026**

5.26.3.10 Is-Sindku infomra lill-Kunsill li fi 12 ta' Mejju, irċevejna mid-direttorat għall-Gvern Lokali li s-sottomissjoni li daħħalna għall-iskema SPI/SCI/01/2026 – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026, ġiet aċċettata u se nkunu qed nieħdu l-ammont sħiħ ta' €20,000 għall-attività Lejla Rnella li hija skedata għas-Sibt l-1 t'Awwissu 2026

**Xogħolijiet Bajja tar-Rinella**

5.26.3.11 Is-Sindku informa lill-kunsill li fl-14 ta' Mejju huwa kkonkluda diskussjonijiet mal-Perit ta' Infrastructure Malta fejn wara li tlesta' ħafna xogħol preparatorju bħal tindif neċessarju fl-aħħar xhur, studji, tfassil ta' pjanti, permessi, clearance, installazzjoni ta' tabelli għat-traffiku, installazzjoni ta' ħajt diviżorju etċ, il-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2026 skedat li jingħata bidu għal xogħlijiet marrittimi fil-bajja ta' Rnella biex tissewwa l-parti mġarrfa tal-prominad. Huwa għarraf li biex l-interventi li hemm bżonn jitwettqu b'mod sigur, parti mill-bajja se tkun temporanjament magħluqa. Il-bqija tal-bajja u l-mollijiet se jibqgħu aċċessibi, tant li fl-aħħar jiem sar xogħol ta' rampa fiż-żona tar-ramel li nbniet temporanjament, ħalli l-aċċess għaż-żona tar-ramel ikun aktar sigur. Infakkar li f'seduti preċedenti kienet deċiżjoni unanima tal-Kunsill Lokali li x-xogħlijiet fil-bajja ta' Rnella jkunu aktar sostenibbli u li ma jkunux xogħlijiet temporanji bħalma għamilna kull sena f'dawn l-aħħar sjuf.

**Rendikont Festa Ħelu 2026**

5.26.3.12 Wara li tlesta xogħol amministrattiv fil-15 ta' Mejju, is-Sindku qed jippreżenta r-rendikont ta' Festa Ħelu 2026. Liema attività ttellgħet il-Ħadd 12 t'April u li għaliha l-Kunsill Lokali se jkun ħareġ biss €28.88ċ. L-attività ġiet tiswa' €8,996.58ċ, b'maġġorparti tad-dħul daħal minn skema SPI/SCI/05/2025 u kontribuzzonijiet oħra.

**Skema SPI/SCI/02/2026 – Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026**

5.26.3.13 Is-Sindku informa li kif kien diskuss f'laqgħa preċedenti il-Kunsill se japplika għal l-iskema SPI/SCI/02/2026 Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026. Il-Kunsill issa applika għal din l-iskema u għaldaqstant qed jitlob l-approvazzjoni għal din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil unanimu rigward dan.

**5.26.4** <u>**Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**</u>

<u>Il-Viċi-Sindku, is-Sa. Speranza Chircop.</u>

5.26.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sa Speranza Chircop infurmat li t-Tlieta 12 ta' Mejju 2026 ħadet l-anzjani ġurnata Għawdex.

5.26.4.2 Is-Sa Chircop infurmat li l-korsijiet tal-FITA, ser jerġgħu jibdew fil-Ħarifa.

5.26.4.3 Il-bieraħ 14 ta' Mejju 2026, Is-Sa Chircop qalet li saret sezzjoni tal-'art for active ageing' li kienet verament interessanti.

Il-Kunsilliera, is-Sa Maria Sultana.

5.26.4.4 Il-Kunsilliera, is-Sa. Maria Sultana infurmat lill-Kunsill li għaddiet l-informazzjoni neċessarja rigward Jum il-librerija lill-Kunsill Lokali wara li iddiskutiethom mal-Kap tal-Iskola. Tkellmet ukoll mal-Kap tal-iskola,rigward 'write up' minn ktieb ta' Parti Wistin Born. Ser tiġi wkoll ippremjata tifla mill-lokal, dan abbażi tal-fatt li hi l-aktar tifla li ħadet ammont ta' kotba mill-librerija tal-Kalkara matul is-sena 2025.

5.26.4.5 Is-Sa Maria Sultana nfurmat li fil-laqgħa tal-Kunsill tat-tfal li nżammet it-Tnejn 4 ta' Mejju, it-tfal żdiedu minn 2 għal 7. Il-laqgħa li jmiss hi skedata għat-Tnejn 8 ta' Ġunju.

Il-Kunsillier, is-Sur Vince Bongailas:

5.26.4.6 Il-Kunsillier, is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill li qed jikkordina sabiex jerġgħu jibdew isiru lezzjonijiet ta' taħriġ fiżiku fis-Sala bħas-snin ta' qabel.

Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Bruno:

5.26.4.7 Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Bruno skuża ruħu li dak l-persuna minn TM li kien semma' fil-laqgħa preċedenti, ma ġiex sabiex jiltaqgħa miegħu, pero ser ikun qed jiltaqa' miegħu fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku offra sabiex jattendi wkoll għal din il-laqgħa.

**5.26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

5.26.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**5.26.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Quarter 1-2026**

5.26.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport finanzjarju li kien ħejja l-accountant għal l-ewwel kwart tas-sena, minn Jannar 2026 sa Marzu 2026. Infurmat lill-Kunsill li d-dħul għal dan il-perjodu kien ta' €107,386, filwaqt li l-infieq kien ta €84,322, li fih jinkludi wkoll id-deprezzament. Dan juri li l-infieq kien inqas minn dak stmat u dħul kien aktar minn dak previst. Għaldaqstant l-FSI hija ta' defiċit ta 8% u mhux kif kien previst għal dak ta defiċit ta' 10%.

**5.26.7 Reġional Mosaic – Reġjun tal-Kultura 2026**

5.26.7.1 Din diġà ġiet diskussa kif spjegat f' 5.26.3.1

**5.26.8** **Skema Milied – SPI/SCI/03/2026**

5.26.8.1 Is-sena l-oħra din l-attività' kienet organizzata tajjeb, anke meta wieħed jikkunsidra l-aspett finanzjarju. Għal din l-attivita il-Kunsill kien ibbenifika minn fondi tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, li jammontaw għal €15,000, kif ukoll skema oħra ta' €5,000 mingħand MTA. Is-Sindku spjega li s-sena l-oħra innota li nies kienu maqsumin minħabba li l-attività kienet maqsuma f'żewġ postijiet differenti u għaldaqstant qed jissuġġerixxi li din id-darba tkun maqsuma fuq jumejn, fejn issir event f'Misraħ l-Arċisqof Gonzi u attività oħra fi Pjazza Sagra Familja, meta t-tfal ikunu bil-vaganzi u mhux fl-istess ġurnata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5.26.9** **Approvazzjoni ta' Contracts Manager**

5.26.9.1 Qbil unanimu li tirbaħ l-irħas offerta minn tlieta li rċieva l-Kunsill.

**5.26.10** **Approvazzjoni ta' Administration Officer II fi skala 10**

5.26.10.1 Ġie approvat b'mod unanimu li tinħareġ din is-sejħa. Il-persuna li tieħu din l-iskala se tkun mitluba sabiex tidħol nhar ta' Sibt jew tibqa' wara l-ħin meta mitluba. Kif ukoll tagħmel ix-xogħol ta' Administration Officer II fi skala u jiżdied mal-irwol tagħha li tagħmel taħriġ fuq is-Sage 50 sabiex tkun tista' tassiti lis-Segretarju Eżekuttiv fejn meħtieġ. Din ser tkun imniżżla wkoll fil-kuntratt tax-xogħol.

**5.26.11** **Mozzjoni – Servizz estiż tal-Kalkara Transport ( Van tal-Kommunita' )**

5.26.11.1 Il-Viċi-Sindku kienet preżentat mozzjoni numru 1.2026, fejn talbet sabiex jiġi estiż is-servizz ta' ġranet fejn ikun provdut trasport għal San Vinċenz. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Chris Bruno. Kopja ta' din il-mozzjoni ġiet preżentata lill-kunsill.

5.26.11.2 Is-Sindku kjarifika hekk is-Sa Chircop hux qed titlob li r-residenti li jridu jattendu għal attività' li tkun mtella mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara stess jingħatax prijorità' jew inkella l-prijorità' tingħata lil dawk li jibbukkjaw il-vann għal San Vinċenz. Is-Sindku għaldaqstant issuġġerixxa, li ta' kull Ġimgħa il-viċi sindku, li hi responsabbli mill-attivitajiet għal anzjani, tinforma lill-Kunsill bil-ġranet ta' dawn l-attivitajiet. Dan sabiex, f'dawk il-ġranet u l-ħinijiet tal-attivitajiet, il-Kunsill ma jagħmilx vjaġġi oħra apparti għal attivitajiet organizzati mill-kunsill. B'hekk jkun jista' jinforma li min jagħmel użu mit-trasport tal-vann tal-komunità bil-ġranet l-oħra li jkun jista' jieħdu San Vinċenz.

5.26.11.3 Ġie maqbul li ta' kull nhar ta' Ġimgħa, il-Viċi Sindku Speranza Chircop ser tiġi mitluba tipprovdi skeda tal-attivitajiet biex il-bookings għal San Vinċenz jittieħdu skond l-attivitajiet u għalhekk jingħataw prijorità l-attivitajiet fil-lokal imtellgħin mill-kunsill.

5.26.11.4 Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Din il-mozzjoni għaddiet unanimament.

## 5.26.12 Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar

PA/03111/26 – Applikazzjoni sabiex isir tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq ix-Xatt, Kalkara

5.26.12.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ssir ittra ta' rappreżentazzjoni għal din l-applikazzjoni fuq dawn ir-raġunijiet:

1- Il-bankina hija dejqa għax hi bankina residenzjali u mhux bankina wiesa li tippermetti sabiex isiru strutturi dan it-tip.
2- Għandu biżżejjed spazju fejn jarma' fil-proprjetà fuq ġewwa.
3- Din hi żona residenzjali fejn qed jiġi affettwat il-parkeġġ. Infatti il-Kunsill Lokali ilu jilmenta biex isiru parkeġġ riservati għar residenti.
4- Ħdejh hemm un/loading bay diġà, dan ifisser li diġà ittieħed parkeġġ ieħor sabiex saret din l-unloading.
5- Noise polution minħabba r-residenti li hemm joqogħdu maġenbu.
6- Dan jaf ikun l-ewwel proċess sabiex imbagħad issir struttura permanenti magħluqa li tkerraħ l-ambjent

5.26.13.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 5.26.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

5.26.13.1 Is-Sindku fakkar illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier il-ġimgħa l-oħra biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti. Is-Sur Christopher Bruno ipproprona u s-Sa. Speranza Chircop issekondat, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 5.26.14 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

5.26.14.1 Fuq proponiment tas-Sur Vincent Bongailas u ssekondat mis-Sa Speranza Chircop il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju fis-2:00pm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5.26.14.2 Is-seduta ntemmet fil-17:09, wara li ġiet eżawrita l-aġenda.

Konfermati, illum 12 ta' Ġunju, 2026

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina<br>Sindku | Karen Scicluna<br>Segretarju Eżekuttiv |